BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITÀ TAX - XANDIR

MALTA

**Appendiċi B ma' Ċirkulari 11/09**

Cirkulari 20/08

Cirkulari lill-Istazzjonijiet tat-Televiżjoni

## *Repeats* ta' Programmi Televiżivi

L-Awtorita' nnutat li matul is-sajf tas-sena li għaddiet kien hemm *repeats* ta' programmi li ma kienux indikati bl-ittra "R" li kienu *repeats*.

L-Awtorita' qed tiddiriġi lill-istazzjonijiet tat-televiżjoni illi kull darba li programm jiġi ripetut, tittella' l-kelma "Ripetizzjoni" fuq l-*iscreen* u din il-kelma għandha tidher fl-ewwel tletin sekonda tal-programm u mbagħad tintuża l-ittra "R" tul il-programm kollu.

Terġa' waqt programmi ripetuti, mhux l-ewwel darba li jkun hemm xi kompetizzjoni jew jidhru n-numri tat-telefon jew ta' l-SMS fejn it-telespettatur ikun jista' jċempel. F'dawn il-każijiet huwa importanti li jew din il-parti tal-programm tiġi mneħħija jew jekk dan ma jkunx possibbi tittella' *caption* li tgħid li "Peress li dan il-programm huwa ripetizzjoni, il-kompetizzjoni m'għadhix valida" jew li t-telefonati u l-SMS's m'għadhomx japplikaw jew kliem f'dan is-sens ħalli b'hekk it-telespettatur ikun infurmat li dak huwa programm ripetut.

Dr Kevin Aquilina
Kap Esekuttiv
Awtorita' tax-Xandir

27 ta' Mejju 2008
Ref 88/07, 45/00

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 17, Malta. Tel: (+356) 221281, 247908. Fax: (+356) 240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt